# KNISJA ĠDIDA – SOĊJETÀ ĠDIDA

*Katekeżi ta' Mons Isqof Mario Grech fl-okkażjoni tal-ewwel laqgħa ta' formazzjoni tal-Missjunarji Lajċi fil-bidu tal-Missjoni Djoċesana f'Għawdex*
*Santwarju Madonna ta' Pinu*
*Il-Ġimgħa, 17 ta' Ottubru 2008*

L-Ittra lill-Efesin, li minnha nqrat is-silta proposta għall-meditazzjoni tagħna (Ef 4, 1-16) f'din l-ewwel laqgħa ta' katekezi f'din il-Missjoni Djoċesana, hija miktuba lil komunità Nisranija li għanda ħafna xebh mal-Knisja lokali.

F'Efesu l-Knisja kien ilha diversi snin imwaqqfa, u billi għadda ftit taż-żmien kellha bżonn tagħmel evalwazzjoni tad-diversi sfidi li kellha, kemm fi ħdanha stess kif ukoll minn barra. L-Insara kellhom diffikultajiet mhux biss dwar dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja tal-fidi, imma wkoll dwar x'tip ta' relazzjonijiet kellhom jibnu mad-dinja ta' madwarhom. Imma l-isfida l-kbira kienet it-tmermir tal-għaqda fi ħdan il-komunità, u dan minħabba motivi etiċi u dottrinali. Billi f'din il-belt fl-Asja Minuri, kien hemm min kien iħaddan fehmiet kontrastanti dwar il-morali, id-diversità fi ħdan l-istess komunità u l-impenn fil-politika, dan kien joħloq tensjonijiet perikolużi fl-istess komunità ekkleżjali.

Din is-sitwazzjoni tal-Knisja f'pajjiżna llum mhix ħafna differenti minn dik ta' Efesu. Matul dan iż-żmien minn meta l-Appostlu Missierna qiegħed il-pedament tal-Knisja ta' Kristu fil-gżejjer tagħna, fil-komunità Nisranija kienu reġistrati diversi devjazzjonijiet li, jekk ma jkunux indirizzati, jistgħu jikbru u joktru u jpoġġu fil-periklu l-istess komunjoni fil-knisja.

Biex nagħti eżempju, nirreferi għal xi osservazzjonijiet li San Pawl jagħmel f'kapitlu 4 tal-Ittra lill-Efesin, liema osservazzjonijiet japplikaw tajjeb għalina llum:

- "iġġibux iżjed ruħkom skond ma jġibu ruħhom il-pagani bil-bluha ta' moħħhom" (v.17);
- "il-fehma tagħhom hi mdallma, maqtugħa mill-ħajja ta' Alla minħabba l-injoranza li għandhom u l-ebusija ta' qalbhom" (v.18);
- "tilfu kull sentiment u ntelqu għal kull żina bla xebgħa" (v.19);
- filwaqt li jirreferi għas-serq u n-nuqqas tas-sinċerità li kien hemm fosthom, Pawlu jeżortahom biex iwarrbu minnhom "l-imrar, saħna, korla, tgħajjir, għajat" (v. 31);
- "tkunux aktar trabi mitfugħin 'l hawn u 'l hemm u mkaxkra minn kull riħ ta' tagħlim bil-qerq tal-bnedmin u bl-ingann tagħhom biex iwasslu lil ħaddiehor fl-iżball" (3.14).

Interessanti li quddiem din ir-realtà l-ewwel eżortazzjoni imperattiva li jagħmel Pawlu mhix waħda ta' natura moralistika, imma waħda ekkleżjali: biex il-komunità Nisranija tkun Knisja waħda fil-ħsieb u fl-azzjoni. Fid-dawl ta' din l-ittra, il-fundament tal-etika

huwa wieħed ekkleżjali. Skond Pawlu, fil-qalba tar-Rivelazzjoni hemm il-misteru tal-Knisja, tant li huwa jistqarr:

> "Lili, l-iżgħar fost il-qaddisin kollha, ngħatatli din il-grazzja li nxandar fost il-pagani l-Evanġelju tal-għana ta' Kristu, għana li ebda moħħ ma jista' jifhmu, u li noħroġ għad-dawl quddiem kulħadd kif Alla temm il-pjan tal-misteru, li kien moħbi sa minn dejjem f'Alla li ħalaq kollox. B'hekk l-għerf ta' Alla, għerf ta' kull xorta ta' mezzi, ikun issa mgħarraf permezz tal-Knisja lill-Prinċpijiet u lis-Setgħat tas-sema" (Ef 3, 8-10).

Meta nilqgħu l-Knisja, inkunu nilqgħu l-pjan t'Alla; meta aħna Knisja, imbagħad nistgħu nibdew nitkellmu minn etika personali. Hu għalhekk li mbagħad Pawlu jissolleċita lill-Insara ta' Efesu biex iħarsu l-komunjoni ekkleżjali:

> "Inħeġġiġkom jien, il-priġunier tal- Mulej, biex timxu sewwa skond is-sejħa li biha kontu msejħin; billi bl-umiltà kollha, bil-ħlewwa u bis-sabar, taħmlu u tħobbu 'l xulxin. Ħabirku biex iżżommu spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem; ġisem wieħed u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda; Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda; Alla wieħed u Missier ta' kulħadd, li hu fuq kulħadd, b'kulħadd u f'kulħadd." (Ef. 4,1-6)

L-etika personali hija konsegwenzja tal-etika relazzjonali li aħna msejħin ngħixu mhux biss fil-komunità ekkleżjali imma wkoll fil-familja, "knisja tad-dar". Infatti, fl-aħħar żewġ kapitli tal-istess ittra, Pawlu jirrifletti dwar il-ġmiel taż-żwieġ u l-familja (5,21-6,9). Dan fis-sens li meta jkun hemm esperjenza komunitarja fil-knisja u fil-familja, imbagħad wieħed ikun aktar qawwi biex jerfa' d-dmirijiet tiegħu personali bhala Nisrani.

Huwa f'dan il-kuntest li matul din il-Missjoni nixtiequ nwasslu l-Bxara t-Tajba lil kull familja; anzi, il-ħsieb tagħna huwa li l-familja tkun hija stess protagonista li tevanġelizza lil familji oħra! Jekk fil-familja tkun mibnija fuq l-imħabba oblattiva li biha Kristu ħabb lill-Knisja tiegħu, allura l-istess relazzjonijiet konjugali u familjari jħejju lill-membri fi ħdanha biex jgħixu ħajja li taqbel mal-prinċipji etiċi.

Meta Pawlu b'qawwa jgħid lill-Efesin: "imxu sewwa skond is-sejħa li biha kontu msejħin", filwaqt li qed jagħmilha ċara li s-sejħa tagħhom hija biex ikunu "ħaġa waħda" – "żommu spirtu wieħed fir-rabta tas-sliem", – huwa jistimulahom biex juru konsistenza bejn il-valur tal-komunjoni u mġibithom. Fil-Grieg il-kelma li Pawlu juża meta jiddeskrivi lilu nnifsu "il-priġunier tal-Mulej" (4,1) hija l-istess kelma wżata meta Pawlu jappellalhom biex iżommu "ir-rabta tas-sliem" (4,3). Kif Pawlu kien marbut bil-ktajjen fil-ħabs għal Kristu, hekk l-Insara huma "marbuta" bejniethom għal Kristu bir-rabta tas-sliem. Din ir-rabta tas-sliem jew il-komunjoni fil-Knisja, li għandha l-fundament tagħha fil-magħmudija, tiġi qabel kull azzjoni, sentiment jew atteġġjament ieħor tan-Nisrani. F'kultura fejn ħafna drabi aħna mdorrijin naġixxu qabel naħsbu, meħtieġ li kontinwament niftakru u nżommu quddiem għajnejna din is-sejħa tagħna: l-għaqda fi ħdan il-poplu t'Alla. Qed nitkellem mill-għaqda fil-ħsieb, fil-viżjoni u fl-azzjoni.

Din l-għaqda bejnietna l-Insara hija differenti minn dik il-koeżjoni li għandu jkun hemm bejn gruppi ta' persuni li għandhom interess komuni jew simpatija lejn xulxin.

Ir-rabta ekkleżjali ta' bejnietna d-dixxipli tal-Mulej hija frott tat-twemmin tagħna li hemm "Alla wieħed u Missier ta' kulħadd, li hu fuq kulħadd, b'kulħadd u f'kulħadd" (Ef 4,6). Missier li jħobbna lkoll mingħajr ma jagħżel bejnietna; tant iħobbna li tana lil Ibnu l-waħdieni, Ġesù Kristu. Dan Ġesù huwa r-Ras tal-Ġisem li huwa l-Knisja – "fih il-ġisem kollu jsib r-rabta u l-għaqda tiegħu permezz tal-għekiesi kollha li jservuh skond il-ħidma ta' kull waħda minnhom biex jikber fih innifsu u jimbena fl-imħabba" (Ef 4,16).

Ir-rabta tad-dixxiplu ma' Kristu, frott tar-relazzjoni tiegħu miegħu fil-Knisja, qatt ma tista' tkun maqtugħa jew distinta mir-rabtiet tiegħu fil-ħajja ta' kuljum. L-għaqda ma' Kristu għandha rifless fil-firxa wiesgħa ta' relazzjonijiet li d-dixxiplu jista' jkollu fid-dinja tal-lum – fil-ħajja affettiva, fil-familja, fuq ix-xogħol, fir-riċerka xjentifika, fil-kuntatt mal-ambjent, fl-impenn politiku, eċċ. Alla mhux rigal għal min hu tajjeb jew jirnexxi. Alla huwa l-istess relazzjoni – "Fraternam dilectionem non solum ex Deo sed Deum esse.."

Huwa wara din l-eżortazzjoni li fl-Ittra lill-Efesin Pawlu jgħaddi biex jitkellem dwar ir-responsabilitajiet etiċi tal-individwu fil-komunità.

Bħalma kellu bżonn ta' Timotju u Titu biex jibgħathom fil-Knisja ta' Korintu, Filippi u Tessalonika, Pawlu issa jgħaddi biex jagħmel eżortazzjoni lil-lajċi ta' Efesu, fosthom lill-koppja Akwila u Prixxilla, biex jiskopru wieħed mid-doni li Alla jaf joffri lill-bniedem: il-"ministeru" fil-knisja:

> "Huwa dak li ta lil xi wħud li jkunu appostli, lil xi wħud profeti, lil xi wħud evanġelisti, lil xi wħud rgħajja u mgħallmin. Hekk jitrawmu l-qaddisin għax-xogħol tal-ħidma tagħhom għall-bini tal-Ġisem ta' Kristu, sakemm aħna lkoll naslu biex insiru ħaġa waħda fil-fidi u fl-għarfien tal-Iben ta' Alla; insiru raġel magħmul, fl-aħjar ta' żmienu. U hekk isseħħ il-milja ta' Kristu" (Ef 4,11-13).

Fil-ħsieb ta' San Pawl, Alla jagħti "ministeru" biex:
(a) jitrawmu l-qaddisin;
(b) għall-qadi tal-oħrajn; u
(ċ) għall-bini tal-Knisja.
Għalhekk, kull min huwa magħżul, imsejjaħ u mibgħut minn Alla skop wieħed għandu: biex fil-Knisja jkun hemm moviment jew missjoni biex iseħħ bidla kwalitattiva ħalli tissaħħaħ il-mixja sabiex ilkoll kemm aħna nkunu rġiel u nisa "magħmulin", fis-sens li nkunu umanament u spiritwalment maturi.

F'din il-Missjoni Djoċesana, il-Mulej qed isejjaħ lil ħafna minna – saċerdoti, reliġjużi u lajċi – biex nieħdu sehem f'dan il-moviment ħalli, filwaqt li tiġġedded il-Knisja tiegħu f'Għawdex, jiġġeddu l-Insara u l-ambjenti ta' madwarhom.

Inhallu l-imħabba ta' Kristu ssuqna!